# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 27 ta’ Ottubru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**vs**
**Eammon O’Neil**

**Drogi Numru: 271/2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba Eammon O’Neil ta’ 32 sena, iben John u Caroline nee’ Incorvaja, imwieled Pieta’ nhar it-23 ta’ Mejju 1989, residenti gewwa Block 10, Bieb A, Flat 8, Triq it-Tulipani, San Gwann u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 0237389(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-31 ta’ Dicembru 2017 u/jew fil-gimghat ta’ qabel:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug

mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizaat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

3. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina speciikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali mahrug a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fis-6 ta' Mejju 2021 meta l-prosekuzzjoni irtirat l-aggravju tad-distanza dedott fir-raba imputazzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma mizmuma llum il-prosekuzzjoni iddikjarat li, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz in ezami, fil-konfront ta'l-imputat ghandu japplika l-proviso tas-subartikolu (9) ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li waqt l-istess udjenza l-imputat itrtira t-talba tieghu maghmula fis-6 ta' Mejju 2021 l-imputat talab lil din il-Qorti biex tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga ai termini ta'l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravju dwar distanza dedott fir-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat gie iritirat; l-Qorti ghakhekk qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni ghalkemm f'dan l-istadju tal-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni fis-sens li d-droga misjuba giet akkwistata fuq talba ta' persuni li kienu ser ikunu fil-kumpanija ta'l-imputat u kienet ser tigi ikkunsmata f'avveniment wiehed, u li ghalhekk ghandu japplika l-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-aggravju dedott fir-raba imputazzjoni, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u l-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li jissottometti ruhu ghal testijiet regolari ta' l-urina**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikundanna lill-imputat **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' erbgha mija u erbghin Euro u tmintax il-centezmu (€440.18)** rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-htara ta' esperti.

In konkluzzjoni il-Qorti qed **tordna l-konfiska tal-mobile phone esebit Dok KP2** u qed **tordna d-distruzzjoni tal-kontenut tad-dokument Dok KP3** u dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Il-Qorti wissiet lill-imputat ukoll illi id-disposizzjonijiet tal-proviso ta' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw fil-konfront tieghu ghal darba wahda biss.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**